**Kulleġġ Sant'Injazju**

**Skola Sekondarja Subien, Qormi**

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013/2014

3

Ir-Raba' Sena (Rotta 3) | Il-Malti | Ħin: Sagħtejn

L-Isem: ___________________________ Il-Klassi: __________

Struzzjonijiet għall-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.
3. Qabel trodd il-karta lura, qis li tirrevedi xogħlok tajjeb.

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | **10** | **20** | **6** | **6** | **8** | **30** | **20** | **100** |
| **Marki tal-istudent** | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

## Sant'Injazju ta' Loyola



Injazju twieled fl-1491, f'kastell f'Loyola, belt żgħira fi Spanja. **(Par. 1)**

Ġo dal-kastell, missier u omm Injazju, Don Beltram Ibanjez u Dona Marina Sanchez, kellhom familja numeruża ta' tmien subien u ħamest ibniet. Injazju kien is-seba' wieħed fost is-subien. Kienu jgħixu wkoll fil-kastell ruxxmata qaddejja rġiel u nisa: l-irġiel għar-raba' ta' madwar il-kastell u n-nisa għat-tindif u l-kura tat-tfal. Fost l-irġiel kien hemm ukoll skrivan, li barra li kien jieħu ħsieb ir-reġistri tal-familja, kien għallem lil Injazju jikteb bil-magħqud, dik il-kitba ċara u sabiħa li biha Injazju baqa' jikteb għomru kollu. **(Par. 2)**

Meta kiber, Injazju beda jistudja t-teoloġija waħdu f'Venezja u meta spiċċa kien ordnat qassis. Qaddes l-ewwel Quddiesa tiegħu fuq l-artal tal-Maxtura tal-Bambin fil-bażilka ta' Santa Maria Maggiore. Dan kien l-eqreb post lejn l-Art Imqaddsa li qatt kien sa jkollu l-grazzja li jirfes f'ħajtu. **(Par. 3)**

Fl-1541 kien **elett** bħala l-Ġeneral tal-Kumpanija ta' Ġesù. F'ħajtu bħala Ġeneral kiteb aktar minn tletin elf ittra, biċċiet twal, fosthom il-famuża Ittra fuq l-Ubbidjenza, u biċċiet qosra biex jirringrazzja lill-benefatturi. Il-Kostituzzjonijiet kitibhom darbtejn u baqa' jemendahom sakemm miet. Fl-istess sena fetaħ il-Kulleġġ Ruman u fl-1542 fetaħ il-Kulleġġ Ġermaniku ġewwa Ruma. **(Par. 4)**

Barra l-Kumpanija, kemm dam Ġeneral ħa ħsieb ukoll il-bżonnijiet tal-foqra ta' Ruma. Injazju kien jgħinhom bil-flus u jitħabtilhom biex isibu **impjieg**. Fetaħ id-Dar ta' Santa Marta, biex fiha jgħixu x-xebbiet li kienu daqu l-ħajja mtajra u li issa riedu jibdlu ħajjithom biex jibdew jgħixu ħajja safja. Erħilu, imbagħad, jitkarrab u jħeġġeġ lil ħbiebu l-**għonja** biex jgħinuh jiftaħ skejjel b'xejn għal dawk l-istudenti foqra li riedu jistudjaw biex jidħlu f'xi seminarju jew fil-Kumpanija. Mhux ta' b'xejn bdew isejħulu l-Appostlu l-Ġdid ta' Ruma! **(Par. 5)**

B'kollox, fl-Italja, minn Venezja fin-nord sa Messina fi Sqallija, fetaħ għoxrin kulleġġ biex fihom iħarreġ, minn fost il-lajċi, kapijiet ta' prinċipji nsara. Diġà kellu l-pjan li f' Malta jiftaħ kulleġġ li fih jistudjaw l-Għarbi biex ikunu jistgħu jaħdmu fost il-Misilimin. Dan il-kulleġġ, fil-fatt, infetaħ wara l-mewt ta' Injazju. Kien jismu l-*Collegium Melitense* fil-Belt Valletta, u li minnu mbagħad ħarġet l-Università ta' Malta li għad għandna sa llum. **(Par. 6)**

Fil-Kongregazzjoni Ġenerali tal-1551 talab lid-Delegati biex jirriżenja minn Ġeneral għal raġunijiet ta' saħħa. Imma d-Delegati ma laqgħux it-talba tiegħu u kellu jkompli jmexxi l-Kumpanija bħala Ġeneral sakemm miet fil-31 ta' Lulju tal-1556. Kellu 65 sena. **(Par. 7)**

Ġie ddikjarat Beatu mill-Papa Pawlu fl-1609 u Qaddis fl-1622. Fl-1922, ġie magħżul bħala l-Patrun Speċjali tal-Eżerċizzi Spiritwali u tal-Irtiri. Illum, il-Kumpanija li hu waqqaf tgħodd aktar minn 20000 ruħ u għadha timxi fuq il-passi ta' dan l-għażiż missierha. **(Par. 8)**

*(Addattament tal-kitba ta' Fr Victor Xuereb, S.J. www.inygo.jesuit.org.mt)*

**A. Fehim it-Test** (10 marki)

1. Għal-liema belt baqa' mfakkar Injazju?

_______________________________________________(1)

2. Liema huma ż-żewġ differenzi li naraw fit-tieni paragrafu?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

3. Għaliex Injazju ried iqaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fuq l-artal tal-Maxtura tal-Bambin?

_______________________________________________

_______________________________________________(1)

4. Kemm-il ittra kiteb f'ħajtu? Agħti l-isem ta' dik li tissemma.

_______________________________________________(1)

5. Għal min ħadem ħafna kemm dam Ġeneral? U b'liema mod għenhom?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

6. X'kienet ir-raġuni tal-kulleġġi fl-Italja?

_______________________________________________

_______________________________________________(1)

7. Kellu xi pjan għal Malta Injazju? Jekk iva, liema huwa?

_______________________________________________

_______________________________________________(1)

8. Liema huma t-titli li ngħataw lil Injazju wara mewtu?

_______________________________________________

_______________________________________________(1)

**<u>B. Għarfien il-Lingwa</u>** (20 marka)

**LESSIKU/VOKABOLARJU**

1. Agħti sinonima għal:

   a) Elett (par. 4) ______________________ (1)

   b) Impjieg (par. 5) ______________________ (1)

   ċ) Għonja (par. 5) ______________________ (1)

2. Fisser fi kliemek:

   a) "u baqa' jemendahom sakemm miet" (par. 4)

   ________________________________________________(2)

   b) "tgħodd aktar minn" (par. 8)

   ________________________________________________(2)

**GRAMMATIKA**

3. Mis-silta sib:

a) Plural irregolari (minn par. 2) ______________________ (1)

b) Superlattiv (minn par. 3) ______________________ (1)

ċ)Verb dgħajjef moħfi (minn par. 5) ______________________ (1)

d) Verb tas-seba' forma (minn par. 6) ______________________ (1)

e) Partiċipju passiv (minn par. 8) ______________________ (1)

4. Sib verb dgħajjef nieqes mis-seba' paragrafu u oħroġ l-għerq tiegħu. (2)

   ______________________________

5. Ta' liem forma huwa l-verb "tgħallem"? Oħroġ nom minnu. (2)

   ______________________________

6. “Injazju twieled fl-1491…” Ikteb is-sena **1491** fi kliem.

______________________________________________________________________(2)

7. Sib nom ta’ nisel Rumanz mis-sitt paragrafu u għid minn xiex indunajt li hu ta’ dan in-nisel.

______________________________________________________________________(2)

**Ċ. L-Aspett Simboliku fl-isfond lingwistiku popolari** (6 marki)

1. Kompli dawn il-qwiel marbutin mal-**Għerf Prattiku**.

a) Tiżloqx ________________________

b) Aħseb il-ħażin _______________________

ċ) Xemx li ma ssaħħanx ________________________

2. Agħti t-tifsira ta’ dawn il-qwiel marbutin mas-**Saħħa.**

a) Aħjar bl-aptit inkella bit-tabib.

________________________________________________________________________

b) Ftit laħam isebbaħ qattus.

________________________________________________________________________

ċ) Id-duwa ogħla mix-xahar.

________________________________________________________________________

**D. Il-Proġett: Aħna nitkellmu, infittxu u nġemmgħu** (6 marki)

Agħżel suġġett li laqtek l-aktar mill-proġett 'L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija' u ikteb madwar **60 kelma** fuqu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**E. Ħiliet fil-Malti Komunikattiv** (8 marki)

Agħżel **waħda** minn a u b u ikteb madwar **100 kelma** fuq karta separata:

a) Il-ġimgħa l-oħra int mort tara film iċ-ċinema. Ikteb **rapport** dwar dan il-film ħalli jittella' fil-websajt tant popolari għall-kritika tal-films, *www.imdb.com.mt*

**jew**

b) Int u sħabek iddeċidejtu li tqattgħu ġurnata flimkien hekk kif tispiċċaw l-eżamijiet. Ikteb **lista ta' suġġerimenti** u fiha ssuġġerixxi x'tistgħu tagħmlu f'din il-ġurnata partikolari.

**F. Letteratura – Bejn Ħaltejn** (30 marka)

1. **Referenza għall-kuntest.**

Aqra sewwa l-poeżija **Refuġjata** ta' Mario Azzopardi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Il-mara tat-tined
dik li nixfilha l-ilma
u ward il-ħall
dik
li wliedha saru dellijiet
jgħajtu f'rasha.
Il-mara tat-tined

dik li f'idejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
u ważi
fejn tħobb lil Samih tagħha
xi darba
meta f'Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l-interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

Dal-lejl
il-mara tat-tined qed taħseb
kemm-il toqba f'ras il-mejtin
teħtieġ
biex jimtela l-ispazju
tad-duluri tagħha.

a) Għaliex taħseb li wlied il-mara saru dellijiet?

______________________________________________________________(1)

b) Mit-tieni strofa kkwota frażi li turi ottimiżmu.

______________________________________________________________ (1)

ċ) Għaliex "ward il-ħall" (v.3) hija paradoss?

______________________________________________________________(2)

d) Taħseb li din hija poeżija sentimentali? Għaliex?

________________________________________________________________

______________________________________________________________(2)

e) Taħseb li din il-poeżija tittratta tema kontemporanja? Spjega għaliex.

________________________________________________________________

______________________________________________________________(2)

f) X'ton għandha din il-poeżija?

______________________________________________________________(1)

ġ) Immarka fuq il-poeżija, **permezz ta' ċirku**, eżempju ta' **enjambment**. (2)

g) Mill-poeżija t'hawn fuq sib eżempju ta: (3)

1. metafora ______________________________
2. personifikazzjoni _______________________
3. anafora _______________________________

għ) X'mudell tal-ħoss għandu dal-vers: *"Il-massakri tal-għasafar"* _________________ (1)

2. **Komponiment Letterarju** (15-il marka)

Agħżel mistoqsija **waħda** u ikteb **komponiment** ta' madwar **200 kelma** fuq karta separata.

a) Fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn* naraw illi l-kittieba jiktbu dwar **it-tiġrib tal-ħajja**. Ikkummenta billi tirreferi għal xi poeżiji u siltiet li studjajt din is-sena.

**jew**

b) **L-użu tal-metafora** fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*. Ikkummenta billi tagħmel xi referenzi għax-xogħlijiet letterarji fl-antoloġija.

## Ġ. Komponiment (20 marka)

Agħżel titlu **wieħed biss** u fuq karta separata ikteb madwar **350 kelma**.

1. Jiena, għaxar snin oħra.
2. Darba fost l-oħrajn…
3. *Facebook* jagħmel ħsara daqskemm jagħmel ġid. Ikkummenta.
4. Ommi